**Minuti**

**Seduta Nru. 17/2016**

Data: Il-Ħamis 14 ta' Jannar 2016

Ħin: 6.00pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida

---

Preżenti: Sur Matthew Mangion – *Chairperson*
Sur Jimmy Zahra – *Membru*
Sur Owen Patrick Attard – *Membru*
Sur Manuel Galea – Membru 18:37

Sur Christopher Cutajar – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużata: Sra Deborah Galea – Viċi Chairperson

---

Il-laqgħa bdiet fis-18:27 permezz ta' talba miċ-Chairperson.

## 1. Minuti

363 Il-Kumitat approva l-minuti tas-seduta 16/2015 kif moqrija.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

364 Iċ-Chairperson qal li l-laqgħa relatata mal-infiq tas-Swatar min-naħa tal-Kunsill Lokali Birkirkara sabiex jinstab mekkaniżmu kif jitqassam l-infiq relatat għadha ma saritx. Is-Segretarju ta' Birkirkara qed jagħmel l-almu tiegħu biex dawn il-laqgħat isiru.

365 Dwar minuta 352 iċ-Chairperson qal li dwar il-mogħdija ta' Triq l-Għabex li tagħti għal Triq il-Wied it-Taqsima tal-Proprjeta' tal-Gvern wieġbet li l-mogħdija qiegħda fuq art privata. Informa wkoll lill-Kumitat li x-xogħolijiet fuq it-taraġ tal-iMsida fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra inbeda.

366 Dwar minuta 353. Is-Segretarju bagħat korrispondenza lil Wasteserv bil-għan li jintbagħtu artwors edukattivi biex jiġu mtella' fuq *facebook*.

367 Dwar minuta 354. Il-Kumitat qabel li jeħtieġ ikun żgurat li l-kuntrattur illi qiegħed iwettaq ix-xogħol jagħmel il-permessi meħtieġa kull meta jkun meħtieġ fi Triq P Borg Olivier k/m Triq Maestro Giuseppe Busuttil.

368 Dwar minuta 355. Ġie maqbul li fi Triq Indri Grima jitneħħew 4 parkeġġi biex tinħoloq belvedere billi titwessa' bankina li hemm biex jitqiegħdu l-bankijiet. Din il-

materja se tkun suġġerita lill-Kunsill Lokali tal-iMsida. Iċ-Chairperson qal ukoll li d-dokument tal-kwotazzjoni relatat max-xogħolijiet fil-bandli se jkun qiegħed jagħlaq nhar il-Ġimgħa 22 ta' Jannar 2016. Il-Kumitat iddeċieda li dawn ix-xogħolijiet għandhom jinkludu wkoll il-faċilita' li l-Kunsill Lokali tal-iMsida jkun jista' jikseb filmati tas-CCTV mingħajr ħlas.

369 Dwar minuta 356 rigward l-istejġ li hemm Triq it-Torri is-Sur O P Attard qal li r-rotot li jgħaddu minn fejn dan l-istejġ huma 117, 120, 204, 206, 209, 210, 213 u 226. Ir-rotot tat-Trasport Pubbliku ntbagħtu mis-Segretarju lill-Membri tal-Kumitat qabel il-laqgħa.

370 Dwar numru 358. Iċ-Chairperson qal li kellem lill-iSpettur Zammit dwar is-sessjoni edukattiva dwar is-*cyber crime*. Qal li jonqos tinstab data għal din is-sessjoni.

371 Dwar minuta 360. Iċ-Chairperson qal li jkun għaqli li d-data tal-laqgħa tal-komunita' tkun posposta għax-xahar ta' Frar. Għandha ssir laqgħa bejn is-Segretarju u ċ-Chairperson biex jitħejjew id-dokumenti meħtieġa. Id-data tal-laqgħa tal-Lokalita' se tkun miftehma permezz tal-imejl.

372 Dwar minuta 361. Iċ-Chairperson qal li qed ikun hemm rispons tajjeb għall-paġna ta' *facebook.*

## 3. Korrispondenza

Ma ġiet diskussa ebda korrispondenza.

## 4. Immaniġġjar tat-traffiku

373 In segwitu ta' minuta 359 iċ-Chairperson qal li talab lis-Segretarju jressaq fuq il-mejda il-pjanti tal-immaniġġjar tat-traffiku li s-Sur J Zahra kien ħejja flimkien mal-Kumitat Amministrattiv preċedenti. Saret referenza għal dawn il-pjanti li kienu proposti. Is-Segretarju għandu jibgħat kopja bl-imejl tal-pjanti in kwestjoni. Għandha tkun organizzata laqgħa informali sabiex tkun diskussa din il-materja bi tħejjija għal proposti tal-immaniġġjar tat-traffiku.

## 5. Laqgħa tal-lokalita'

374 Din il-laqgħa se tkun posposta għal Frar kif kien diskuss qabel matul il-laqgħa.

## 6. Affarijiet oħra

375 Persuna rrimarkat fuq *facebook* li ċint li jifred Triq Mro Ġużeppi Camilleri waqa' bix-xita. Hemm diżlivell bejn l-għalqa u l-livell tat-triq. Iċ-Chairperson se jieħu ħsieb jinforma lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

376 Is-Sur J Zahra qal li fi żmien il-Milied marru ħaddiema tal-Environment Landscape Consortium biex jagħmlu żbir ta' siġar u dawn għamlu biss parti żgħira għaliex ħallew il-karozzi pparkjati fi Triq Mons Arturo Bonnici. Is-Segretarju se jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsillier inkarigat dwar dan.

377 Is-Sur J Zahra qal li Triq is-Swatar k/m Triq Ġanni Attard jeħtieġ tkun imdawla aħjar, fejn hemm il-*bring in site*. Jeħtieġ li ssir lampa ġdida hemmhekk.

378 Is-Sur J Zahra qal li kien irċieva stima sabiex issir kitba b'ittri kbar bl-isem 'Swatar' biex teħel fuq *soft area* malli tidħol fis-Swatar malli tkun dieħel mill-bypass ta' Birkirkara. Is-Sur J Zahra se jibgħat l-istima lis-Segretarju.

379 Is-Sur O P Attard semma' ċ-ċaqliq taż-*zebra crossing* fi Triq it-Torri (parti b'Kara). Sar stejġ riċentement u jkun għaqli li l-*pedestrian crossing* tersaq fil-viċinanzi tal-istejġ u tkun konvenjenti għal min joħroġ mill-Knisja. Iċ-Chairperson se jkun qed ikellem lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara dwar din il-materja.

380 Is-Sur O P Attard qal li kien ingħata servizz ta' *sound* waqt attivita' li saret b'kollaborazzjoni bejn il-Knisja u l-Kumitat. Is-Segretarju ser ikellem lill-Kappillan dwar dan.

**7 Aġġornament**

381 Il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 11 ta' Frar fis-6pm.

Il-laqgħa ntemmet fit-20:06 hrs.

| | |
|---|---|
| Matthew Mangion | Christopher Cutajar |
| *Chairperson* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Data tal-approvazzjoni: ______________________